MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## DENNIS MONTEBELLO

Seduta tas-26 ta' Ottubru, 2001

Avviz Numru. 1431/2000/1

**Avviz Nru:- 1431/00**

**Grima Communications Limited**

**vs**

**Accent Clear Traders Limited**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz permezz ta' liema l-kumpanija attrici talbet il-kundanna tal-kumpanija konvenuta ghall-hlas tas-somma ta' erba' mija u tlieta u sittin lira Maltin, u tmienja u hamsin centezmu (Lm463.58), liema somma hija l-bilanc ta' prezz ta' riklami mxandra fuq l-istazzjon Live FM fuq l-inkarigu taghhom u li baqghu ma thallsux minkejja diversi interpellazzjonijiet biex ihallsu dan il-bilanc ta' erba' mija u tlieta u sittin lira Maltin, u tmienja u hamsin centezmu (Lm463.58).

Bl-ispejjez, u bl-imghaxijiet legali sal-pagament effettiv u bil-konvenuti ngunti ghas-subizzjoni.

Rat illi l-konvenuti debitament notifikati ma dehrux biex jikkontestaw it-talba attrici, u lanqas ma dehru fis-seduta tallum biex jirrispondu ghad-domandi in subizzjoni.

Ghaldaqstant wara li l-Qorti rat ukoll id-dokumenti esebiti, u semghet bil-gurament lil Joseph Grima, rapprezentant tal-kumpanija attrici, issib illi t-talba attrici tirrizulta gustifikata u timmerita konferma u ghaldaqstant wara li rat ukoll in-nota ta' riduzzjoni pprezentata mill-atturi fit-18 ta' Ottubru 2001, fejn kienu indikati illi l-konvenuti kienu ghamlu pagament akkont fis-somma ta' mitejn u hamsin lira Maltin (Lm250), qeghda tikkundanna lill-konvenuti sabiex ihallsu lill-atturi l-bilanc ta' mitejn u tlettax-il lira maltin u tmienja u hamsin centezmu (Lm213.58), ghar-ragunijiet indikati fl-avviz, bl-imghaxijiet legali b'effett mid-29 ta' Settembru 2000, u;

Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

-------------------------------TMIEM-------------------------------